

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – Uniwersytet Wrocławski vs REA

(Kawża T-137/16 RENV) ⁽¹⁾

(“Klawżola ta' arbitraġġ – Is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) – Spejjeż eliġibbli – Rimbors tas-somom imħallsa”)

(2021/C 297/32)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: Uniwersytet Wrocławski (Wrocław, il-Polonja) (rappreżentanti: A. Krawczyk-Giehsman u K. Szarek, avukati)

Konvenut: L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (rappreżentanti: S. Payan-Lagrou u V. Canetti, aġenti, assistiti minn M. Le Berre u G. Materna, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjonijiet tar-REA, li taġixxi fuq delega mill-Kummissjoni Ewropea, li xxolji l-fethim ta' sussidju għall-proġett Cossar (Nru 252908) u li tobbliga lir-rikorrenti tirrimborsa s-somom ta' EUR 36 508,37, EUR 58 031,38 u EUR 6 286,68 kif ukoll tħallas danni fl-ammont ta' EUR 5 803,14 u, min-naħa l-oħra, għall-ħlas lura mir-REA tas-somom korrispondenti flimkien mal-interessi kkalkolati mill-jum tal-ħlas sal-jum tal-ħlas lura.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Uniwersytet Wrocławski hija kkundannata għall-ispejjeż relatati, min-naħa, mal-proċeduri mibdija quddiem il-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, mal-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ ĠU C 200, 6.6.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – Puma et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-781/16) ⁽¹⁾

(“Dumping – Importazzjonijiet ta' ċertu żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw miċ-Ċina u mill-Vjetnam – Eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża magħquda C-659/13 u C-34/14 – Impożizzjoni mill-ġdid tad-dazju antidumping definittiv u għbir definittiv tad-dazju provviżorju – Tkomplija tal-proċedura li ppreċediet ir-regolamenti ddikkjarati invalidi – Status ta' impriża li topera f'ekonomija tas-suq – Trattament individwali – Analiżi dokumentarja – Assenza ta' talba għal informazzjoni addizzjonali u għal żjara ta' verifika – Nuqqas ta' rimbors tad-dazji antidumping – Bażi legali – Ċertezza legali – Aspettattivi leġittimi – Nuqqas ta' retroattività – Proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter – Nondiskriminazzjoni – Prassi deċiżjonali preċedenti”)

(2021/C 297/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) u 8 rikorrenti oħra li isimhom huwa inkluż fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: E. Vermulst u J. Cornelis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati u T. Maxian Rusche, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1395 tat-18 ta' Awwissu 2016 li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u magħmula minn Buckingham Shoe Mfg Co., Ltd, Buildyet Shoes Mfg., DongGuan Elegant Top Shoes Co. Ltd, Dongguan Stella Footwear Co Ltd, Dongguan Taiway Sports Goods Limited, Foshan City Nanhai Qun Rui Footwear Co., Jianle Footwear Industrial, Sihui Kingo Rubber Shoes Factory, Synfort Shoes Co. Ltd, Taicang Koton Shoes Co. Ltd, Wei Hao Shoe Co. Ltd, Wei Hua Shoe Co. Ltd, Win Profile Industries Ltd, u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2016, L 225, p. 52), it-tieni nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1647 tat-13 ta' Settembru 2016 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fil-Vjetnam u li huma prodotti minn Best Royal Co. Ltd, Lac Cuong Footwear Co., Ltd, Lac Ty Co., Ltd, Saoviet Joint Stock Company (Megastar Joint Stock Company), VMC Royal Co. Ltd, Freetrend Industrial Ltd u l-kumpanija relatata magħha Freetrend Industrial A (Vietnam) Co., Ltd, Fulgent Sun Footwear Co., Ltd, General Shoes Ltd, Golden Star Co., Ltd, Golden Top Company Co., Ltd, Kingmaker Footwear Co. Ltd, Tripos Enterprise Inc., Vietnam Shoe Majesty Co., Ltd, u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2016, L 245, p. 16), u, it-tielet nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1731 tat-28 ta' Settembru 2016 li jerġa' jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' lbies għar-riġlejn bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Vjetnam u ffabrikati minn General Footwear Ltd (iċ-Ċina), Diamond Vietnam Co Ltd u TY Hung Footgearmex/Footwear Co. Ltd u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi magħquda C-659/13 u C-34/14 (ĠU 2016, L 262, p. 4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Puma SE u r-rikorrenti l-oħra li isimhom huwa inkluż fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 14, 16.1.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – Calhau Correia de Paiva vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-202/17) (¹)

(“Sistema lingwistika – Kompetizzjoni EPSO/AD/293/14 għar-reklutaġġ ta’ amministraturi fl-oqsma tad-dritt tal-kompetizzjoni, tal-finanzi ta’ impriża, tal-ekonomija finanzjarja, tal-ekonomija tal-industrija u tal-makroekonomija (AD 7) – Nuqqas ta’ inklużjoni fil-lista ta’ riżerva – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni għall-Ġermaniż, għall-Ingliż u għall-Franċiż – Regolament Nru 1 – Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Ġustifikazzjoni – Interess tas-servizz”)

(2021/C 297/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ana Calhau Correia de Paiva (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: V. Villante, G. Pandey u D. Rovetta, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Radu Bouyon, I. Melo Sampaio u L. Vernier, aġenti)